## IL-MILIED IT-TAJJEB

Lill-Kav. Prof. G. Galea
u lill-familja tiegħu.

*Ta'* Ġużè Borg Pantalleresco P.L.

Li kieku s-sliem
jista' jasal bi kliem
ħelu bħall-frott
u jfuħ bħaż-żahar,
ix-xewqat kont inwassallek
bil-ħlewwa tal-ħawħ
u b'kemm fwieħa hemm fl-inwar;
imma
qiegħed inwassalhomlok
kif waslu fuq fommi
bil-fwieħa tal-qalb safja
li tatni ommi.

* * *

Jalla
jiem il-għomor ikunulkom
hienja
bħal jiem ir-Rebbiegħa tal-ħajja.
sbieħ
bħalma hu sabiħ id-dawl fl-għajnejn
li juruna t-triq
li kuljum twassalna d-dar
meta jgħib id-dlam
u jerġa' n-nhar.



## MONS. LWIGI VELLA

*Ta'* Mons. Anton Gauci

MONS. DUN LWIĠI VELLA, qassis Għawdxi, magħruf bħala wieħed mis-Saċerdoti Għawdxin għall-ħidma tiegħu spiritwali li matul il-ħajja tiegħu kienet ta' ġid kbir fost ħutu l-Għawdxin, kif ukoll ta' ġieħ għad-Dijoċesi t'Għawdex, kien ukoll magħruf bħala wieħed mill-kittieba bil-Malti. Barra minn kotba tal-Knisja huwa kiteb ukoll xi rakkonti li fihom huwa wera l-ħila tiegħu ta' stil narrativ mexxej mżewwaq b'episodji u deskrizzjonijiet sbieħ fuq fond ta' ambjent storiku Għawdxi ta' żmien l-Ispanjoli u l-Gvern tal-Ordni.

Mons. Dun Lwiġi Vella, twieled ir-Rabat t'Għawdex fis-17 ta' Diċembru, 1859. Ta' tnax-il sena tgħallem fl-Iskola Sekondarja tal-Gvern, imbagħad issokta l-istudji tiegħu fis-Seminarju t'Għawdex li dik il-ħabta kien taħt it-tmexxija tal-Ġeżwiti. Wara li laħaq Saċerdot, baqa' is-Seminarju bħala Prefett u Surmast. Iżda x-xewqa tiegħu kienet dejjem li jaħdem għall-ġid tal-Knisja u ta' ħutu l-Għawdxin, u f'dan il-kamp baqa' msemmi għall-ħrara u xogħol spiritwali fost żgħażagħ u rġiel, kif ukoll xebbiet u nisa li nissel fihom l-akbar devozzjoni għall-moviment Ewkaristiku fil-knisja ta' Savina fejn kien waqqaf l-opra ta' l-Adorazzjoni Perpetwa u l-Eżerċitu tal-Paġġi ż-Żgħar ta' Ġesù Sagramentat, istituzzjoni li għadha sseħħ sal-lum. Fl-1887 sar Kappillan fl-Isptar Ċivili r-Rabat, Għawdex, fejn baqa' għal dwar tnax-il-sena. Wara konkors ma' bosta saċerdoti oħra, ġie maħtur Teologu tal-Knisja Katidrali t'Għawdex, u fl-1900, wara eżami ieħor quddiem Kummissjoni speċjali bi president tagħha l-Isqof Camilleri, delegat minn Ruma, ħa l-lawrja fit-Teologija. Fis-sena 1980, wara li l-Ġeżwiti telqu minn Għawdev inħatar Professur tat-Teoloġija Dommatika fis-Seminarju t'Għawdex, fil-waqt li jissokta jaqdi l-ministeru ta' saċerdot b'dik il-ħeġġa u zelu li kienu dejjem jidhru fih, sew bħala Direttur Spiritawil tas-Sorijiet Dumnikani u Franġeskani, kemm bħala konfessur ta' bosta penitenti f'Ta' Kerċem u r-Rabat.

Waħda mill-opri kbar li biha ħalla isem sabiħ fost il-poplu tar-Rabat hija x-xogħol ta' bini fil-Knisja ċkejkna ta' Savina li kien ħattha u bnieha tista' tgħid mill-ġdid u kabbarha. Mons. Dun Lwiġi kien waqqaf ukoll perjodiku bl-isem ta' "L-Ewka-